



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2013/2184(INI)

17.12.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-Ġestjoni tar-Ritorn: kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, implimentazzjoni
effikaċi tal-ftehimiet u l-implimentazzjoni Prattika tad-Direttiva dwar ir-Ritorn
(2013/2184(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi d-Direttiva dwar ir-Ritorn tipprevedi regoli rigward ir-ritorn, it-tneħħija, id-detenzjoni u d-dħul mill-ġdid, li għandhom iqisu bis-sħiħ ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali skont id-dritt internazzjonali u nazzjonali tal-persuni kkonċernati; billi l-perspettiva tal-ġeneru, id-drittijiet tan-nisa għall-ugwaljanza kif ukoll il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa bbażata fuq is-sess tagħhom għandhom ikunu aspetti totalment integrati tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn;
 - B. billi r-residenti irregolari nisa u l-persuni dipendenti fuqhom huma ta' spiss esposti għal inugwaljanzi varji u aktar probabbli li jġarrbu vjolenza jew abbuż, li jista' jaffettwa l-istatus tagħhom u jesponihom aktar għar-riskju ta' tneħħija;
 - C. billi l-Istati Membri għandhom il-kompetenza aħħarija fil-fruntieri tagħhom biex jiddeċiedu dwar x'assistenza tista' tkun meħtieġa biex tingħata għajnuna lil individwi li jaqgħu taħt l-awspiċi tad-Direttiva dwar ir-Ritorn;
1. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu kunsiderazzjoni profonda lill-perspettiva tal-ġeneru fil-miżuri speċifiċi tagħhom fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn;
 2. Jistieden lill-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tal-persuni kkonċernati, bħal tqala, sitwazzjoni familjari, tfal dipendenti, jekk il-persuni għandhomx diżabbiltà jew humiex anzjani, jew mhumiex vittmi ta' traffikar jew vjolenza sessista, u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom;
 3. Jenfasizza bil-qawwa l-fatt li d-Direttiva dwar ir-Ritorn tipprovdni sett minimu ta' drittijiet għall-persuni fl-istennija tat-tneħħija tagħhom, inkluż aċċess għas-saħħa u edukazzjoni għat-tfal; jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari, fl-implimentazzjoni tad-direttiva, għas-sitwazzjoni tan-nisa tqal, tan-nisa li kienu vittmi ta' vjolenza sessista u ta' familji bi tfal matul il-perjodu tal-iskola;
 4. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw politiki bil-għan li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tal-ħaddiema immigranti, li jippermettulhom igawdu x-xogħol, id-drittijiet soċjali, kulturali, ċivili, u politiċi tagħhom, kif inhu meħtieġ sabiex jinqerdu l-każijiet inaċċettabbli ta' sfruttament żejjed;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ sensitiv għad-differenza bejn is-sessi għall-uffiċjali li probabbli jiġu f'kuntatt ma' persuni bi bżonnijiet speċifiċi, bħal nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal taħt l-età, u vittmi ta' vjolenza sesswali u sessista;
 6. Ihegġegħ lill-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u jikkunsidraw il-perspettiva tal-ġeneru fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi kkonċernati, sistema ta'

monitoraġġ wara r-riammissjoni li tkun sensittiva għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, b'attenzjoni speċjali għall-vjolenza sessista sabiex tevalwa r-rispett mad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi li jikkunsidraw ċirkostanzi ta' ġeneru, orjentazzjoni sesswali, familja, tqala u edukazzjoni ta' tfal mibgħuta lura, sabiex dawn il-pajjiżi terzi jimpenjaw ruħhom għall-implimentazzjoni u ż-żamma ta' qafas minimu li jkun ta' benefiċċju għaċ-ċittadini tagħhom;
8. Ihegġegħ lill-Istati Membri kollha li għadhom ma għamlux dan, jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u japplikaw id-dispożizzjonijiet tagħha b'mod korrett, b'mod partikolari l-Artikolu 59 tagħha li jiddikjara b'mod ċar li l-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jissospendu l-proċedimenti ta' espulsjoni u/jew jagħtu permess ta' residenza awtonoma fil-każ ta' xoljiment taż-żwieġ u ċirkostanzi partikolarment diffiċli, lil dawk in-nisa migranti li l-istatus ta' residenza tagħhom kien jiddependi mir-raġel tagħhom.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	16.12.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 -: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Livia Járóka, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Norica Nicolai, Britta Thomsen, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Izaskun Bilbao Barandica, Doris Pack, Rui Tavares, Angelika Werthmann
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Biljana Borzan, Hans-Peter Mayer